**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-23 ta' Gunju, 2020**

**Talba Numru: 140/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 01**

**John Axiak (Passaport Amerikan 506186951) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Paul Axiaq, Carmen Fenech, Gloria Anne Dimech Gaines, Josephine Mary Cole, Manuel John Dimech, Robert Joseph Dimech, John Fitzgerald Dimech, Romeo Nelson Mallia JR, John Nelson Mallia, Anthony Nelson Mallia, Paul Nelson Mallia, Juliet Jammie McGlinch, Charles Dennis Mallia kif debitament awtorizzat u Rose Axiak proprju ta'**

**Flat 10 No 34,**

**Henry Bouverie Street**

**Gzira**

**Vs**

**Dr Carmelo Lia**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-atturi fit-22 ta' April 2016 li permezz tieghu talbu li l-konvenut jigi ordnat ihallashom is-somma ta' disa' mija erbgha u hamsin ewro u disgha u sebghin centezmu (€954.79c) rapprezentanti bilanc ta' kirjiet migbura mill-istess intimat f'isem l-atturi u li fir-rigward taghhom l-intimat hareg id-debita ricevuta lit-terzi paganti imma baqa' ma ghaddiex l-imsemmija somma lill-atturi minkejja diversi interpellazzjonijiet f'dan ir-rigward bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta tal-intimat a fol 12 et li permezz taghha eccepixxa li t-talba ghandha tigi michuda stante li hija preskritta ghaddew aktar minn hames snin minn mindu l-koncentu ceda l-amministrazzjoni tal-ko-eredi tal-proprjeta' tal-familja Asciak u tal-karti u l-flus lil ko-eredi li gew jigbruhom; li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-attur/atturi ma gabux prova x'inhu d-dritt taghhom u anqas gabu prokuri ta' dawk li huma assenti u li suppost qed jirraprezentaw.

A fol 16 fl-affidavit tieghu John Axiak xehed li huwa joqghod Michigan l-Istati Uniti li huwa ma jitkellemx bil-Malti u ghalhekk qed jaghmel l-affidavit tieghu bil-lingwa Ingliza. Huwa jghid li l-konvenut kien inhatar biex jigbor il-flus u/jew kirjiet li jappartjenu l-proprjeta' tan-nannu tieghu l-mejjet Paul Axiaq mill-kugin tieghu Paul Axiaq. Sas-sena 2000 il-konvenut gabar u qasam il-flus lill-eredi izda mis-sena 2001 huwa qassam lil tlett familji biss u jassumi li l-bilanc zammu ghalih. Dawn it-tlett familji li rcevew il-flus huma l-eredi ta' Salvo Axiaq, ta' Ganena Licari u ta' Angela Mizzi. Il-hames familji l-ohra li baqghu ma rcevew xejn huma Carmen Fenech u l-eredi ta' Anthony Axiaq, l-eredi ta' Mary Mallia, u l-mejta Connie Dimech u ta' Carmelo Axiak. L-eredi ta' Carmelo Axiak biss joqghodu Malta. Huwa jghid li dwar dan kellem diversi drabi lil konvenut izda huwa kien jghidli li lilu ma jafux u meta kitiblu l-avukat tieghu huwa ma qabilx mac-cheque ta' mitejn u disa' mitt ewro u sitta u sebghin centezmu (€209.76c) li baghatlu l-konvenut. Huwa jikkonferma li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija erbgha u hamsin ewro u disgha u sebghin ewro (€954.79c).

John Axiak pprezenta wkoll il-prokuri li ghandu minghand l-atturi li jghixu barra minn Malta u rendikont tal-ammont dovut a fol 47 u tal-pagament li sar mil-konvenut ghal perjodu mill-01 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Jannar 2000 total ta' mija u erbghin ewro (€140) diviz bejn tmien eredi cioe' sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€17.50c) kull sehem.

Semgha x-xhieda ta' John Axiak a fol 142 et jikkonferma dak li xehed fl-affidavit tieghu.

In kontro-ezami John Axiak a fol 159 et cahad li l-konvenut kien ghadda l-kartu u l-flus li kien fadallu lill-kugini tieghu ghax kieku huma kienu jinfurmawh.

Ra x-xhieda ta' Rose Axiak a fol 144 et li l-konvenut ma ghaddielhomx sehemhom tal-flus li gabar ghax ried izommhom hu. In kontro-ezami a fol 162 hija xehdet li ma tafx li aktar minn sitt snin ilu l-konvenut ma baqax bl-inkarigu li jigbor dawn il-kirjiet.

A fol 165 il-konvenut fl-affidavit tieghu xehed li veru li ghal snin kien amministratur ta' xi proprjeta' tal-familja Axiaq wara li miet Salvatore Axiaq u li huwa kien iqassam id-dhul lil diversi werrieta. Huwa jammetti li lill-atturi ma hallashomx stante li huwa qatt ma ppruvaw li huma ghandhom dritt minn dan il-wirt u baqa' jhallas kif kien jaghmel qabel. Huwa hass li ma setghax ikompli f'din l-amministrazzjoni u ghadda kollox lil familja Licari li kienu ko-eredi tal-proprjeta' u accettaw li jkomplu huma. Huwa kien offra hlas lill-avukat tal-atturi b'dan li huwa jassumi responsabilita' li l-klijenti tieghu huma verament intitolati ghal hlas pero' l-avukat ma accettax u baghatlu kollox lura.

In kontro ezami l-konvenut ikkonferma li flus minn din l-amministrazzjoni ma ghandu xejn.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza tirrigwarda l-kirjiet migbura mill-konvenut li jappartjenu lil werrieta ta' Paul Axiaq li kellu tmien ulied: cioe' Salvo Axiaq, Ganena Licari, Angela Mizzi u Carmelo Axiak, li joqghodu Malta u Carmen Fenech Anthony Axiak, Mary Mallia u Connie Dimech li joqghodu l-Amerika. Li l-konvenut kien jigbor il-kirjiet u xogholu kien li jaqsamhom bejn it-tmien werrieta u l-aventi kawza taghhom. L-atturi jikkontendu li mis-sena 2001 huma ma rcevewx sehemhom ta' dawn il-kirjiet u l-konvenut jikkontendi li sas-sena 2005 huwa hallashom u mis-sena 2006 sas-sena 2009 huwa baghat il-hlas permezz ta' cheque lill-avukat taghhom Dr Michael Grech bil-kondizzjoni li huwa jassumi r-responsabilita' li l-atturi huma l-vera werrieta izda dan il-hlas rega ntbaghat ghandu lura. Marie Lourdes Licari li toqghod Malta kellha l-prokura ta' Angela Mizzi .

Eccezzjoni tal-preskrizzjoni

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jeccepixxi li din l-eccezzjoni hija bazata fuq l-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili.

Huwa jghid li l-kawza giet prezentata fit-22 ta' April 2016 u li l-ahhar pagament li rcevew l-atturi kien fis-sena 2010 u ghalhekk skadew il-hames snin mitluba mil-ligi. Huwa jghid ukoll li huwa ottempera ruhu ma' dak li jitlob l-Artikolu 2160 tal-Kap 16 meta fl-affidavit tieghu para 8 huwa stqarr li ma jafx li l-atturi ghandhom xi dritt kontrih u li hu m'huwiex debitur lejn l-istess atturi ghal xi raguni jew ohra u kkonfermah waqt il-kontro-ezami wkoll.

Fin-nota responsiva taghhom l-atturi jikkontendu li l-artikolu li fuqu qed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenut ma kellux jinghata fin-nota tal-osservazzjonijiet u ghalhekk tali eccezzjoni ma ghandhiex tigi milqugha u jirreferi ghad-decizjoni fl-ismijiet: "**Emmanuele Busuttil vs Francesco Mercieca**", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' April 1950:

"*Eccezzjonijiet formali, bhal ma hija eccezzjoni tal- preskrizzjoni, ma ghandhomx jinghataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali procedurali. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tigix moghtija formalment qisha mhijiex quddiem il-Qorti, u l- Qorti ma hiex tenuta tiddecidiha; ghax il-preskrizzjoni ma tistax tigi sollevata mill-Qorti 'ex ufficio'.*"

Illi izda f'dawn il-proceduri din l-ecezzjoni tal-preskrizzjoni giet sollevata formalment fir-risposta tieghu kif jirrikjedi l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili u mhux bhal fil-kaz kwotat mill-konvenut fejn il-konvenut eccepixxa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fin-nota tal-osservazzjonijiet. Kien biss fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu li l-konvenut specifika l-artikolu tal-ligi li fuqu qed jibbaza l-preskrizzjoni ta' hames snin sollevata fir-risposta tieghu, liema nota giet notifikata lil kontro-parti li rrispondew ghalih.

Illi in vista tal-premess u stante li tali eccezzjoni ma gietx sollevat fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur izda kien biss l-artikolu tal-ligi li fuqu qed jibbaza l-eccezzjoni ta' hames snin, li huwa specifika fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu dan it-Tribunal ma jistax jiskarta din l-eccezzjoni tal-konvenut.

Jigi rilevat li kull preskrizzjoni estintiva tibda timxi minn dak il-mument li fih titwieled l-azzjoni (Laurent, Diritto Civile, Vol XXXII para 16; Baudry, Diritto Civile, Prescrizione, para 380, 381 u 384; Kollezz. XXVIII.i.726; XXXVII.ii.622). Una volta tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, min jaghtiha jkollu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekorra t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jopponi l-azzjoni. Stabbilit dan imbaghad jispetta lill-attur illi jaghzel it-triq lilu miftuha biex jiddefendi ruhu kontra l-estinzjoni tal-azzjoni tieghu f'wiehed jew iktar mill-mezzi li l-ligi tqieghed ghad-dispozizzjoni tieghu. Qabel xejn pero' jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skont il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument

sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni. Din il-prova trid tirrizulta mill-atti quddiem il-Qorti u ma tistax tigi arguwita minn fatti li ma jirrizultawx provati (Perit Guido Vella vs Nutar Cefai, Appell, 05.10.2001).

Issa skont il-Kodici Civili l-interruzzjoni riedet tigi provata b'xi wahda mill-ipotesijiet fih prevvisti. Jigifieri, permezz ta' att gudizzjarju (Artikolu 2128) jew minn certu atteggjament li juri illi l-konvenut-debitur qieghed lilu nnifsu f'qaghda li tirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni opposta. Skont il-ligi din il-qaghda hi espressa mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici. A propozitu, inghad minn din il-Qorti, kif presjeduta, illi, "r- rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. *Ad exemplum*, il-weghda tal-hlas, talba ghal dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas- successjoni jew f'forma ta' entrata fl-*accounts*" ("**Austin Psaila -vs- Lother Slabick**", 09 ta' Frar, 2005). S'intendi, kif pacifikament akkolt, "rikonoxximent tad-dejn sabiex jopera bhala interruzzjoni jew rinunzja ghal preskrizzjoni jinhtieg li jirrizulta car u ma jistax jigi kongetturat minn kliem vag" ("**Joseph Carabott *et* -vs- Lorenzo Decelis *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' April, 1976, per il- kompjant Imhallef George Schembri.

Illi dwar l-Artikolu 2015 tal-Kodici Civili li fuqu qed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenut jinghad li:

L-Artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li m'humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.

(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-

preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.

(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-Artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija m'hijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet: **Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud et** deciza mill-Imhallef Anthony Ellul fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) fejn inghad:

*'... Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta' attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-Qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilita' lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li m'humiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-Ewwel Qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cioe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja*

*ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn:

'*... Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur'. (Vincenza Vella vs Carmela armla Sciberras Prim Awla Qorti Civili deciza 16 ta' Jannar 1963).*

Illi ghalhekk il-pozizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tieghu fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret wahda attiva u dana fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-gurament tieghu waqt il-kawza ghandu jikkonferma li ma huwiex debitur. Fis-sentenza: **P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-sittax (16) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) gew ezaminati fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk inghad:

'*...Li forsi ma fehemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu msemmi fir-rigward tal-Artikoli 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-Artikolu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-Artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-Artikolu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i)* ***jixhed minn jeddu*** *u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li* ***ma hux debitur****. Lanqas ma jista' jghid li* ***ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa****, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi l-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta'*

*eccezzjonijiet. Li tghid li d- dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu msemmi. ...'*

It-Tribunal josserva li la mill-affidavit u lanqas mix-xhieda tal-konvenut viva voce ma jirrizulta li l-konvenut ghamel dak rikjest mil-ligi, anzi baqa' jsostni li huwa kien lest li jhallas lill atturi purche li l-avukat taghhom jassumi r-responsabilita' li l-atturi ghandhom dritt ghal dawn il-flus. Minn imkien mal-konvenut cahad li ghandu jaghti xi flus izda biss li kien lest li jaghmel dan kemm il darba huma jippruvaw li ghandhom sehem minn dawn il-kirjiet.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu issir referenza ghall-Artikoli 389 u 390 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu:

*"389. (1) Kull min hu obbligat li jaghti kont, ghandu jipprezentah bid-dokumenti kollha li jiggustifikawh.*

*"(2) Jekk xi wiehed mid-dokumenti jkun att pubbliku, tkun bizzejjed li ssir riferenza ghalih.*

*"390. (1) Il-kont ghandu jkun fih:*

*"(a) tifsira cara tal-hwejjeg li taghhom ghandu jinghata kont;*

*"(b) il-partiti tad-dhul;*

*"(c) il-partiti tan-nefqa;*

*"(d) il-bilanc li ghad irid jidhol u l-hwejjeg li ghandhom jittiehdu lura;*

*"(2) Il-kont ghandu jaghlaq b'rijassunt."*

Mid-dokumenti esebiti a fol 48 jirrizulta li fis-sena 2000 l-konvenut gabar mija u erbghin lira Maltin (Lm140) u li minnhom kellhom jinqasmu bejn tmien lottijiet cioe' sbatax-il lira u hamsin centezmu (Lm17.50c) cioe' erbghin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€40.77c) kull parti. L-atturi ma jirrizultax li rcevew sehemhom u ghalhekk il-konvenut ghandu jghaddi lill-atturi s-somma ta' mija u tlieta u sittin ewro u ghaxar centezmi

(€163.10c) u li huwa ghaddha sehem l-atturi lil certu M.L. Licari (fol 48) li kellha l-prokura ta' Angela Mizzi. Li ghalhekk dan l-ammont mhux dovut lill-atturi izda se mai huwa dovut minn M.L. cioe' Lourdes Licari li rceviethom ghan-nom taghhom.

Illi a fol 50 jirrizulta ghas-sena 01 ta' Jannar 2001 sal-01 ta' Jannar 2003 il-konvenut gabar mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm167) li minnhom hallas ghaxar liri Maltin (Lm10) lil Perit George Falzon u sbatax-il lira Maltin (Lm17) dritt u spejjez u bilanc nett ta' mija u erbghin liri Maltin (Lm140) li bejn tmienja jigi sbatax-il lira u hamsin centezmu (Lm17.50c) kull werriet li ma jirrizultax li sehem l-atturi thallsu ta' sehemhom u li ghalhekk huwa dovut cioe' sbatax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm17.50c) x 4 = sebghin lira Maltin (Lm70) cioe' mija tlieta u sittin ewro u ghaxar centezmi (€163.10c).

Illi a fol 51 jirrizulta li l-kirjiet migbura mill-konvenut ghal perjodu mill-01 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Dicembru 2007 jammontaw ghal erba' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm429.50c) li minnhom kien hemm mija u hamsa u sittin liri Maltin (Lm165) spejjez u li ghalhekk l-ammont nett huwa ta' mitejn erbgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm264.50c) cioe' tlieta u tletin liri Maltin u sitt centezmi (Lm33.06c) cioe' sebgha u sebghin ewro u tlett centezmi (€77.03c) kull sehem. Tali ammont ma jirrizultax li gie mghoddi lill-atturi u ghalhekk ghandu jithallas mill-konvenut lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u tmien ewro u tnax-il centezmu (€308.12c).

Illi a fol 52 l-kirjiet migbura fis-sena 2008 jirrizulta li kull sehem huwa ta' hmistax-il lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm15.93) cioe' tlieta u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€37.12c) u talabhom jghidulu minn ser jidhol minfloku bhala prokuratur gdid. L-ammont ta' tlieta u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€37.12c) ma jirrizultax li thallas lill-atturi u ghalhekk l-konvenut ghandu jghaddi lill-atturi s-somma ta' mija tmienja u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€148.48c).

A fol 54 jirrizulta li l-konvenut thallas mitejn disgha u hamsin ewro u tletin centezmu (€259.30c) a fol 53 wiehed u ghoxrin ewro u disgha u tmenin centezmu (€21.89c) u li ghalhekk kull sehem ghas-snin 2009 u 2010 huwa ta' hamsa u tletin ewro u hmistax-il centezmu (€35.15c) u li ma jirrizultax li l-atturi thallsu u ghalhekk il-konvenut ghadu jhallas lill-atturi mija u erbghin ewro u sittin centezmu (€140.60c).

Illi ghalhekk it-total kollu dovut huwa ta' seba' mija u sittin ewro u tletin centezmu (€760.30c).

Jigi rilevat ukoll li jekk il-konvenut kellu xi dubju dwar min huwa l-werrieta, huwa setgha dejjem jiddepozita sehem taht l-Awtorita' tal-Qorti u mhux jerfa bir-responsabilita' lill-Avukat Michael Grech.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament ghas-somma ta' seba' mija u sittin ewro u tletin centezmu (€760.30c) u jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sittin ewro u tletin centezmu (€760.30c) bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**